**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Novembru 2001**

Citazzjoni numru 114/93

Peter Camilleri

-vs-

Anthony Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attur li taqra:

"illi bis-sahha ta' skrittura privata li ggib id-data ta' l-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tnejn u disghiin (1992) il-konvenut obbliga ruhu illi jbiegh u jittrasferixxi lill-attur wiehed minn tmien partijiet indivizi, jew ahjar id-drittijiet kollha reali u personali spettanti lilu mill-wirt ta' missieru Carmelo Camilleri li kien miet fit-13 ta' Jannar 1951 u dana bil-prezz miftiehem ta' elf lira maltija (Lm1000) bil-kuntratt isir fi zmien sena mid-data ta' l-istess skrittura u bil-kundizzjonijiet l-ohra imsemmija fl-istess skrittura (Dok A).

illi minkejja li gie diversi drabi interpellat sabiex jersaq ghall-kuntratt relattiv, anke permezz ta' l-ittra ufficjali ta' l-ewwel ta' Gunju elf disa' mija tlieta u disghin (1993) (Dok B), il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talab:

1. li l-konvenut jigi kkundannat jersaq ghall-kuntratt ta' bejgh lill-attur ta' wiehed minn tmien partijiet indivizi jew ahjar id-drittijiet kollha reali u personali spettanti lilu mill-wirt ta' missieru Carmelo Camilleri li kien miet fit-13 ta' Jannar 1951 u dana kollu a tenur ta' l-iskrittura ta' l-14 ta' Lulju 1992 fuq imsemmija u bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess skrittura;

2. tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv fid-data, hin u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti u kuratur ghall-eventwali kontumacja.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Gunju 1993 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament mahlufa, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti minnu esebiti.

Rat l-eccezzjoni tal-konvenut li eccepixa:

1. Preliminarjament il-privilegium fori stante illi l-konvenut jirrisjedi f'Malta u ghalhekk huwa moghti lilu l-jedd li jigi citat fit-tribunali ta' dik il-gzira;

2. In-nullita tac-citazzjoni billi l-konvenut naqas li jippreenta d-dokumenti relevanti ma' l-att li bih din giet promessa;

3. In-nullita' tac-citazzjoni billi ma hux minnu illi missier il-kontendenti miet fid-data murija fic-citazzjoni.

4. In-nullita tal-konvenju billi l-kunsens tal-konvenut kien effett ta' zball billi dan ma apprezzax x'inhuma l-konsegwenza ta' dak li kien qed jaghmel.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu.

Ezaminat ix-xhieda prodotta u l-attijiet kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Il-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-26 ta' Novembru 1993 (folio 15) ddispona mill-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenut li gew irtirati, ceduti u rinunzjati minnu.  Ghalhekk il-mertu jrrivolvi kollu kemm hu u unikament fuq ir-raba eccezzjoni li tistqarr li l-kunsens tal-konvenut gie karpit bi zball billi hu ma kienx apprezza x'inhuma l-konsegwenzi ta' dak li kien qed jaghmel meta iffirma l-konvenju mertu tal-vertenza.

Il-kunvenju in kwistjoni jinsab esebit folio 57 fl-original tieghu.  Permezz ta' dan il-kunvenju l-konvenut obbliga ruhu li jbiegh u jitrasferixxi lill-attur li accetta u obbliga ruhu li jakkwisa "wiehed minn tmien partijiet indivizi jew ahjar id-drittijiet kollha reali u personali spettanti" lill-konvenut mill-wirt ta' missieru Carmelo Camilleri li miet fit-13 ta' Jannar 1951.  Il-kundizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni gew mifthema inkwantu ghall-prezz ta' elf lira Maltin (Lm1000) li jithalsu fuq il-kuntratt bil-garanzija tal-pacifiku pussess, u li l-kuntratt isir zmien sena mill-iffirmar cioe' mhux aktar tard mill-14 ta' Lulju 1993.

L-attur istitwixxa l-kawza fl-10 ta' Awissu 1993 kwindi entro t-terminu previst mil-ligi, u wara li kien interpella lill-konvenut sabiex jaddivjeni ghall-kuntratt finali (kopja ta' l-ittra ufficjali esebita folio 6 li minnha jirrizulta li giet notifikata lill-kovenut fit-3 ta' Gunju 1993) u l-konvenut baqa' inadempjenti stante, kif jistqarr fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, il-kunsens tieghu ghall-konvenju in kwistjoni gie karpit bi zball.

Il-mertu tal-kawza huwa kollu kemm hu ristrett ghal dan billi l-fatti konnessi mal-konvenju ma jidhrux li huma kontestati u l-istess ghall-proprjeta' formanti parti l-wirt ta' Carmelo Camilleri, missier u l-aventi kawza tal-kontendenti, li ghadha indiviza bejn il-werrieta u oggett ta' kawza ta' divizjoni bejniethom li ghadha pendenti.

Ikkonsidrat:

Illi l-Artikolu 974 tal-Kodici Civili jikkontempla espressament l-izball bhala vizzju tal-kunsens. Fil-fatt jipprovdi li "jekk il-kusnens ikun gie moghti bi <u>zball</u> jew mehud bi vjolenza jew b'ghemil doluz, <u>ma jkunx jiswa</u>", jigifieri jkun passibbli ghan-nullita u mhux annullabbli. L-istess Kodici jkompli jafferma fl-artikoli immedjatament wara li l-izball jista' jkun sia dwar il-ligi u sia dwar fatt b'daqstant illi jekk l-izball ikun ta' ligi ma jgibx in-nullita tal-ftehim hlief meta ikun il-kawza wahdanija jew ewlenija tieghu, waqt li jekk ikun zball ta' fatt igib in-nullita meta jaqa' fuq is-sustnaza innifisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim. De lege condenda jinghad ukoll li l-gurispurdenza hija konkordi li l-eccezzjoni bbazata fuq tali vizzju tista' titqajjem per via ta' eccezzjoni kif inhu l-kaz hawnhekk.

Dwar il-ftehim li huwa l-origini tal-kawza, il-konvenut (xhieda tieghu folio 55 et seq) ikkonferma li effettivament il-ftehim hu iffirmat minnu. Ilmenta pero' dwar li kien huh li kien hadu ghand l-Avukat, li sehmu mill-wirt ma jafx x'inhu u lanqas kemm jiswa, di piu, li meta iffirma l-ftehim ma kienx jaf x inhu kunvenju. Stqarr pero' li hu ma riedx li jkollu jigi u jmur Ghawdex u kien ghalhekk li kien accetta li jbiegh sehmu mill-wirt - pero' jghid li kien imgieghel u kien geghlu huh "ghaliex kien qalli biex inbieghulu". Jidher ukoll mix-xhieda tal-konvenut meta qal il-kliem "tajtu, pero' flus ma hadtx" li donnu kien indispettit dwar li hu kien fehem li kien ghadda l-proprjeta' imma flus ma kienx ha - li juri li kien verament taht zball dwar l-import tal-konvenju.

Ikkunsidrat:

Li mix-xhieda tal-konvenut l-izball hu identifikabbli filli huwa kemm dwar dritt u kemm dwar fatt. Izda din il-Qorti ma rravvizatx li l-izball ireggi stante li qua zball ta' dritt anke jekk ammess li huwa ma kienx jaf il-ligi dwar xi jfisser kunvenju din l-injuranza tieghu zgur ma kinitx ghalih il-kawza unika

jew principali ta' l-obbligazzjoni - ma riedx ikollu jigi u jmur Ghawdex; u qua zball ta' fatt m'hemm xejn li jindika li intralcjat fuq is-sustanza tal-haga li kienet l-oggett tal-ftehim ukoll mil-lat soggettiv ghalih billi kien ben car f'mohhu dwar x'kien l-oggett u s-sustanza tal-ftehim.

Ghalhekk, u filwaqt li qeghdha tiddikjara mertu ezawrit ghal dak li jirrigwarda l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenut, qeghdha tichad ir-raba eccezzjoni tieghu u kwindi qeghdha tilqa' t-talbiet ta' l-attur billi in kwantu l-ewwel talba tikkudnanna lill-konvenut jersaq ghall-kuntratt ta' bejgh a tenur ta' l-iskrittura tal-14 ta' Lulu 1992 (folio 57), u in kwantu ghat-tieni talba billi tinnomina lin-Nutar Silvio Hili sabiex jippubblika l-kuntratt relattiv fid-data tal-14 ta' Dicembru 2001 fil-hin ta' nofsinhar (12.00pm) fl-edifccju tal-Qorti, Victoria, Ghawdex u billi tinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja fil-persuna ta' l-Avukat Dottor Anton Refalo.

Tikkundanna wkoll il-konvenut l-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Gunju 1993.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur